MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1254/2003

**Spinola Development Company Limited**

**Vs**

**Anthony Aguis**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm189.75 (mija u disgha u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) in linea ta’ danni soffruti fl-incident li sehh nhar l-4 ta’ Awissu 2003.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fis-07 ta' Novemnru 2003 u naqas li jidher u lanqas meta gewipprezentati l-kapitoli fid-19 ta' Jannar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------